Artiklu 133, L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2002

# Lil dawk li ma jidhrux

*Malta illum, iktar minn qatt qabel, sfortunatament hi c-centru tal-Mediterran mhux biss ghan-negozju u l-vapuri, imma wkoll ghall-attività illegali. Il-Pulizija u l-entitajiet l-ohra li jimblukkaw crieki bhal dawn huma fundamentali ghall-benessere tas-socjetà Maltija kif ukoll dik Ewropea, kemm jekk insiru parti mill-Unjoni kif ukoll jekk ma nsirux.*

Tiskanta kemm hu difficli li tghid prosit lil xi hadd, specjalment ghal dak li s-soltu jikkritika l-hin kollu. Personalment, nipprova ma naqax f'din il-kategorija. U zgur li l-poplu in generali huwa l-aktar kritiku fejn tidhol gustizzja u Pulizija.

Kulhadd sema' li l-gimgha l-ohra tressqu l-Qorti ghadd ta' persuni li allegatament ghandhom x'jaqsmu ma' cirku ta' traffikar ta' droga f'pajjizna. In-numru ta' persuni mressqa l-Qorti kien wiehed impressjonanti: ezattament 19 li minnhom sitt persuni huma nisa. Jista' jkun li ghall-ewwel darba dawk imressqa fuq akkuzi bhal dawn ma kinux biss nies li ghandhom xi laqam stramb, tad-dahk jew tal-biza'.

Ma' l-akkuzati hemm sinjorini lebsin l-ahhar moda u b'xagharhom maghmul. Nies li s'issa qatt ma taw f'ghajnejn is-socjetà, u nies li qatt ma kien jidhlilna f'rasna li huma nies li qeghdin jabbuzaw mil-ligi b'dannu ghas-socjetà u bi gwadann personali.

Imma ghal dawk li ntercettaw il-pass ta' dawk akkuzati, ftit hemm tifhir. Fil-Korp tal-Pulizija bhal f'kull istituzzjoni ohra, hemm min jidher u hemm min ma jidhirx. Filwaqt li dak li jidher, li fil-kaz ta' investigazzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' droga hija minoranza li proprju tidher fil-pubbliku, jiehu l-prosit kif ukol il-kritika, min ma jidhirx la huwa eroj u lanqas ikkritikat jew ippersegwitat.

Hu ghalhekk li llum se nieqaf ftit biex naghti l-prosit tieghi lil dawk kollha involuti f'missjonijiet bhal dawn, f'hidma kontinwa biex ifejqu indubbjament l-akbar pjaga ta' zminijietna – id-droga.

Wara kull persuna nvoluta fil-gwerra kontra d-droga li tidher hemm ghexieren ta' persuni b'ohra li b'dedikazzjoni kull gurnata ta' hajjithom, b'sagrificcju ghalihom infushom, kif ukoll ghall-familji taghhom u ghal nies ohra qrib taghhom, jiggieldu bil-mod u bil-kawtela kollha, fuq medda ta' xhur shah, biex jiksbu l-informazzjoni mehtiega dwar il-labrint ta' ghanqbut li t-traffikar tad-droga jikkonsisti minnu.

Huma nies li lejl u nhar jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom bla ma hadd jaf ezattament x'jinkludi xogholhom, u li qeghdin jghixu b'persuni madwarhom li lesti li jaghmlu hafna aktar milli wiehed jista' jimmagina biex jevitaw li jigu akkuzati bir-reat taghhom.

Ghal dawk bhalna li wara gurnata xoghol jisimghu l-ahbarijiet gewwa s-satra ta' darhom jew jaqraw il-gazzetta, kull ma jisimghu fir-rapporti huwa li nqabdet kwantità ta' droga, il-Pulizija Maltija ilha tinvestiga l-kaz ghal dawn l-ahhar xhur. Tressqu l-Qorti….. Il-Pulizija Maltija kellha tissokta bil-hidma taghha anki gewwa Sqallija jew il-Pulizija Maltija kellha tissokta bil-hidma taghha anki gewwa Sqallija, jew il-Pulizija Maltija kkollaborat ma' dik Taljana…

Hija l-forma passiva tant uzata mill-gazzetti u mill-bullettini ta' l-ahbarijiet li ghalkemm ahna tassew imdorrijin biha qajla nintebhu kemm tostor warajha nies li ghalkemm wicchom qatt ma jidher u isimhom qatt ma jissmma; jahdmu bla waqfien kontra organizzazzjonijiet shah u professjonali ta' traffikanti ta' droga li, kif digà ghedt, lesti li jaghmlu kollox, biex inehhu l-evidenza tar-reati taghhom.

Ghall-Pulizija Maltija, ghall-Ispetturi tad-Dwana, ghall-Forzi Armati ta' Malta u ghall kull tip ta' assocjazzjoni ohra li ghandha x'taqsam mal-glieda kontra d-droga u l-kriminalità f'pajjizna, it-triq hija wahda ghat-telgha. Iktar ma jmur, iktar il-kriminalità u c-crieki tad-droga jsiru professjonali; iktar dak li jikser il-ligi ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu mezzi biex jevita li jigi intercettat; iktar ghandu informazzjoni dwar l-operat tal-Pulizija, u iktar sar jippoza ta' l-edukat.

Mal-problema tat-traffikar tad-droga, inzid ukoll problemi ohrajn li donnhom qeghdin jizdiedu f'pajjizna – it-traffikar ta' immigranti illegali.

U, issa, bil-problemi ta' terrorizmu internazzjonai, li m'ilux hareg fid-deher li jezistu wkoll f'pajjizna u, li b'dak li gara fil-gzira turistika ta Bali, jidher li Malta tista' tkun hi wkoll mira tat-terrorizmu internazzjonali ta' Al Qaeda. Dan kollu jigri f'pajjizna u ghalkemm ghall-bniedem komuni hu biss parti mill-ahbarijiet tal-gurnata u jsir jaf bl-ezistenza tieghu wara li jkun maghruf mill-Pulizija u l-forzi involuti – hu wisq prezenti u preokkupanti.

U l-poplu medhi jikkritika ghax saru tliet *strip searches* bi zball u gew umiljati tliet persuni li waqghu taht is-suspett tal-Pulizija bi zvista. Bhal fil-kaz ta' kull settur li ghandu x'jaqsam maz-zamma ta' l-ordni fil-pajjiz u ma' salvatagg, il-kritika ghal kwalunkwe falliment, zghir kemm huwa zghir, tigi f'ilsienna malajr – filwaqt li r-rikonoxximent donnu lanqas biss jghaddielna minn mohhna.

Ma ninsewx ukoll, li f'dawn il-kazi kollha r-riskji m'humiex ftit. Barra r-riskju ta' vjolenza li tista' ssir anki permezz ta' arma tan-nar, sighat twal ta' hidma 'l boghod mill-familja f'hinijiet strambi u barra n-necessità li x-xoghol ghandu jsir meta jkun hemm bzonn li jsir bla ebda skeda ta' hinijiet, hemm ukoll riskji medici.

Kemm meta qeghdin nitkellmu dwar droga u t-traffikar taghha kif ukoll dwar dhul ta' klandestini, hemm ir-riskju ta' infezzjonijiet u tixrid ta' mard lil dawk li qeghdin jaghmlu d-dover taghhom ghall-beneficcju tas-socjetà.

Il-Korp tal-Pulizija nnifsu ftit li xejn jitkellem dwar dawn ir-riskji li jiffaccja – ghalkemm dawn realment jezistu u kif! Ghalkemm li thares lejn il-glieda kontra d-droga u t-traffikar tal-klandestini minn barra hu komdu, niddubita kemm minna jieqfu jahsbu xi process twil jigi qabel ma crieki shah ta' persuni jitressqu lejn il-bibien tal-Qorti. Dan il-process twil mhux biss perikoluz imma jinkludi wkoll hafna kawtela u pacenzja – hafna drabi pacenzja ta' persuni li hlief kritika kontinwa ma jkunux qeghdin jaqilghu minghand il-medja tal-poplu.

Hu ghalhekk li llum iddecidejt li nikteb dwar il-glied kotnra d-droga. Ghalkemm is-soltu l-kitba tieghi tkun dwar l-UE, qatt ma rridu nissottovalutaw il-pregju tax-xoghol li jitwettaq, specjalment minn ghadd ta' nies b'isimhom mhux maghruf li kontinwament qeghdin jiehdu hsieb is-sigurtà interna ta' pajjizna, is-sigurtà taghna u ta' wliedna, illi misturin mill-ghajn tal-pubbliku ingenerali, jahdmu biex fost ohrajn izommu l-isem ta' Malta bla mittiefes fejn ghandu x'jaqsam ma' sigurtà.

Ma ninsewx lill-effettività tax-xoghol tal-Pulizija u dawk kollha li jahdmu f'dawn l-oqsma tifforma parti importanti mir-reputazzjoni taghna ma' pajjizi barranin, fost l-UE innifisha.

Malta illum, iktar minn qatt qabel, sfortunatament hi c-centru tal-Mediterran mhux biss ghan-negozju u l-vapuri, imma wkoll ghall-attività illegali. Il-Pulizija u l-entitajiet l-ohra li jimblukkaw crieki bhal dawn huma fundamentali ghall-*benessere* tas-socjetà Maltija kif ukoll dik Ewropea, kemm jekk insiru parti mill-Unjoni kif ukoll jekk ma nsirux.

Niftakru wkoll li hafna draba r-rizorsi u d-dispozizzjoni tal-Pulizija Maltija, tal-Forzi Armati tad-Dwana u ohrajn, m'humiex la r-rizorsi tas-*CIA*, la ta' l-*FBI* u lanqas ta' l-*Europol*. F'dan il-kuntest, nixtieq nghid prosit lil dawk kollha nvoluti fil-glieda kontra t-traffikar tad-droga u ta' l-immigranti illegali f'pajjizna, specjalment, lil dawk li ma jidhrux.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*